MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2011

Appell Kriminali Numru. 437/2010

**App. Nru. 473/2010 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Christopher Brincat**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Christopher Brincat talli fis-6 ta’ Frar 2008 ghal habta tal-11:40, fi Triq Valletta, Mosta, waqt li kien qed isuq vettura Nru. ABF-823 fl-imsemmija triq, liema triq hija regolata b’ sinjal tat-traffiku ta’ vetturi:

(1) naqas li jieqaf meta d-dawl kien jixghel ahmar jew amber;

(2) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Adrian Camilleri skond kif iccertifika Dr Coney MD (Reg No 5079) ta' MDH.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Christopher Brincat jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Ottubru 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 225, 226(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolament 125 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11, sabet lill-imsemmi Christopher Brincat hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti u kkundannatu multa ta' €1500. Inoltre a tenur ta' l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat li jhallas €186.95 ghall-ispejjez peritali;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Christopher Brincatipprezentat fl-20 ta' Ottubru 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija u piena, u kemm-il darba din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata kwantu ghall-htija, talab li tigi mposta piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-fedina penali ta' l-imsemmi Christopher Brincat esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u ma kellhiex issibu hati; (2) li, tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, il-piena hi eccessiva.

B'referenza ghall-ewewel aggravju, l-appellant isostni li l-incident gara unikament tort ta' Adrian Camilleri u martu li

bdew jaqsmu t-triq minghajr ma vverifikaw jekk il-*lights* kienu qalbu ghal dak il-kulur li kien jippermettilhom jaqsmu. Jghid li filwaqt li l-konjugi Camilleri qalu li qasmu meta l-kulur tal-pupu kien orangjo, meta xehdu qalu li qasmu meta semghu l-*buzzer*. Mill-banda l-ohra l-appellant kien dejjem kostanti u qal li baqa' jsuq ghax id-dawl kien ahdar. L-appellant jghid li hu kien ghaddej fuq il-karreggjata tieghu, kien ghaddej b'velocita` normali, kien ghaddej meta l-*lights* kienu hodor, kellu jsuq xi hamsin metru 'l fuq biex iwaqqaf il-karozza ghax qwarajh kellu l-karozzi tant kemm il-*lights* kienu hodor, u kien Camilleri li qasam jew iffaccja ghall-gharrieda minn wara van li kien wieqaf fuq il-karreggjata ta' gewwa.

Din il-Qorti ezaminat b'attenzjoni il-provi migjuba quddiem l-ewwel Qorti u s-sentenza appellata. Din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-*pedestrians* f'dan il-kaz naqsu meta ma tawx kaz jekk id-dawl li jindikalhom setghux jaqsmu kienx fil-fatt qaleb ghall-ahdar. Adrian Camilleri mbaghad naqas meta gie biex johrog minn wara l-vann li waqfilhom minghajr ma ta daqqa t'ghajn biex jara jekk setax ikompli jaqsam. Mill-banda l-ohra l-paragrafu 124 tal-Highway Code jirrakkomanda: *"When approaching a PEDESTRIAN CROSSING always be ready to slow down or to stop so as to give way to pedestrians; give them the right of way on these crossings.... DO NOT pass a vehicle which has stopped or slowed down at a PEDESTRIAN CROSSING."* Il-paragrafu 126 jghid: *"Watch for the pedestrian who comes out suddenly from behind stationary vehicles or other obstructions."* Mix-xiehda ta' l-appellant jirrizulta illi huwa kien osserva vann abjad wieqaf mal-karreggjata ta' gewwa kif kien qieghed javvicina t-*traffic lights*, izda billi d-dawl kien ahdar assuma li dal-van kien se jibda jsuq ghalkemm fl-ebda mument ma rah jitharrek. Ghalhekk baqa' ghaddej bl-istess velocita`. Jigifieri l-appellant naqas milli jsegwi dawn ir-rakkomandazzjonijiet cari tal-Highway Code, rakkomandazzjonijiet li jaghmlu ghal sewqan aktar sigur.

L-ewwel Qorti qalet illi l-appellant "haseb illi t-*traffic lights* kienu ghadhom kemm qalbu ghal kulur ahdar u ghalhekk baqa' ghaddej, izda x'aktarx illi hawnhekk is-sitwazzjoni

kienet bil-kontra u cioe` illi l-*lights* verament kienu hodor hekk kif kien qed javvicinahom, izda kienu ser jaqilbu kif wasal maghhom u kien ghalhekk illi s-sewwieq tal-vann waqqaf! L-imputat ma rrejalizzax dan x'aktarx ghaliex l-attenzjoni tieghu kienet iffukata fuq il-vann li kien wieqaf, assuma li dana kien ser jaqla' ghaliex kienu ghadhom kemm qalbu l-*lights* u baqa' ghaddej." L-ewwel Qorti fil-fatt sabet lill-appellant hati wkoll ta' l-ewwel imputazzjoni, cioe` li naqas li jieqaf meta d-dawl kien jixghel ahmar jew amber. Mill-provi li fliet din il-Qorti ma jirrizultax minghajr dubju ragjonevoli jekk fil-mument li l-appellant ghadda mill-*pedestrian crossing* il-*lights* kinux ahmar jew amber. Mill-banda l-ohra in-nuqqas tieghu li josserva r-rakkomandazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu precedenti jaghmlu s-sewqan tieghu f'dak il-waqt negligenti, ghax ma uzax il-prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita sinistri stradali.

Dwar it-tieni aggravju, jinghad l-ewwelnett illi in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1].

Il-piena applikabbli ghar-reat kontemplat fl-artikolu 226(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux izjed minn elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37). Mela l-piena hija entro l-parametri tal-ligi.

L-ewwel Qorti qieset li s-sewqan ta' l-appellant kien negligenti u bla kont. Issa, kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Alfred Mifsud** deciz fis-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:

---

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

**"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' 1-imsemmi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it--tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi 1-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita` ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw iddisposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz (ara The Police vs Charlotte Chamberlain, Appell Kriminali, 21/5/96)".**

U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Mario Gellel** deciz fid-19 ta' Frar 2004:

**"...kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim. Pul. vs Charles Bartolo, 14.3.59, Pol. vs Wilson [Vol. XXXIX iv. 1018] u Pul. vs Alfred Vella [Vol. XLIV,**

**p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim. Pul. vs Hardingham, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim. Pul. vs Charles Farrugia [Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim. Pul. vs Joseph Aquilina, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. Pul. vs Antonio Spiteri [Vol. XLIV iv. 892])".**

F'dan il-kaz si trattava ta' sewqan negligenti jew traskurat, kif ukoll huwa kaz fejn kien hemm in-negligenza kontributorja sostanzjali tal-vittma. Inoltre l-appellant se jigi dikjarat mhux hati ta' l-ewwel imputazzjoni. Ghalhekk hemm lok ta' temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel imputazzjoni u minflok ma ssibux hati ta' dik l-imputazzjoni u minnha tilliberah, tirrevokaha in kwantu kkundannatu jhallas multa ta' €1500 u minflok tikkundannah ihallas multa ta' hames mitt euro (€500), u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------